# L-ATT DWAR DESKRIZZJONIJIET KUMMERĊJALI

*Joyce Borg*

Din il-liġi bla dubju hija l-aktar waħda li tipprovdi ħarsien, tapplika għall-bejgħ bejn negozjanti u konsumatur, kif ukoll għall-bejgħ bejn in-negozjanti nfushom. L-iskop tagħha huwa tant wiesgħa li jaffettwa lil kull bejjiegħ għax rari li xi oġġetti jinbiegħu mingħajr ma tiġi applikata xi forma ta' deskrizzjoni għalihom. Imma din il-liġi ma tapplikax għall-bejgħ privat. Jiġifieri jien jew intom nistgħu nbiegħu l-karozzi tagħna mingħajr ma nkunu suġġetti għad-dipożizzjonijiet ta' din il-liġi. Il-biċċa l-kbira ta' l-ilmenti li nirċievu mill-pubbliku, bejn 70 u 80 fil-mija, jaqgħu taħt il-provvedimenti ta' din il-liġi. Għalkemm din il-liġi ma tobbliga lil ħadd li jagħmel dikjarazzjonijiet jew biex jagħti indikazzjonijiet, għax hemm liġijiet oħra li jagħmlu dan, din toħloq reati meta xi persuna (inklużi għaqda korporata b'liġi u dipartiment tal-gvern) fil-kummerċ jew negozju:

1. tagħmel deskrizzjonijiet kummerċjali foloz jew qarrieqa dwar oġġetti (kull ħaġa offerta għall-bejgħ f'Malta);
2. tagħti indikazzjonijiet foloz jew qarrieqa dwar il-prezz ta' oġġetti jew servizzi; u
3. tagħmel dikjarazzjonijiet foloz jew qarrieqa dwar provvista ta' servizzi, akkomodazzjoni jew faċilitajiet.



*JOYCE BORG DPA, MICA, hija uffiċċjal Prinċipali fid-Dipartiment għall-Affarijiet tal-Konsumatur*

Deskrizzjoni kurmmerċjali hija indikazzjoni diretta jew indiretta ta' xi waħda mit-tnax il-kategorija li hemm elenkati f'din il-liġi u tista' tiġi applikata billi tkun immarkata fuq l-oġġetti, riklamata f'ġurnali jew publikazzjonijiet oħra, b'dikjarazzjoni verbali u anke meta l-oġġetti jiġu pprovduti fuq talba li fiha x-xerrej stess ikun uża deskrizzjoni kummerċjali. Ilmenti li jaqgħu taħt din il-liġi hemm bil-bosta, imma fl-ispazju limitat li għandi se nagħti spjegazzjoni tagħhom fil-qosor. Dawn huma ftit eżempji ta' xi lmenti li jaqgħu taħt l-Att dwar Deskrizzionjiet Kummerċjali:

1. *Deskrizzjonijiet Kummerċjali dwar oġġetti:*

- oġġetti ppakkjati jew sfużi mibjugħa bil-kwantità, daqs jew qies u jinstab li huma inqas fil-piż minn kif immarkati jew minn kif kien mitlub;
- oġġetti deskritti bil-metodu ta' manifattura, produzzjoni, proċessar jew rikondizzjoni u jirriżulta li mhux kif deskritt, bħal *jersey handmade* u jinstab ii maħdum bil-makna;
- oġġetti deskritti bil-kompożizzjoni, bħal ġilda, suf, qoton, *nylon* jew b'taħlitiet ta' suf/*polyester/rayon* u jinstab li mhux veru, jew li t-taħlita mhix fi proporzjon kif immarkata;
- oġġetti deskritti b'addattament għall-għan, saħħa, funzjonament, imġieba jew preċiżjoni u jirriżulta li mhux minnu, bħal *geyser* huwa apparat li jsaħħan l-ilma;
- oġġetti deskritti b'kull karatteristika fiżika li mhix inkluża fl-ispjegazzjoni li diġà tajt, bħal: għamla jew kwalità. Madum taċ-ċeramika u aċċessorji ta' kmamar tal-banju li huma oġġetti deskritti bi prima kwalità, imma mhux dejjem jirriżulta li jkun veru;
- oġġetti deskritti bi provi minn xi persuna, u r-riżultati tagħhom. L-ilmenti li jaqgħu f'din il-kategorija huma dawk fejn jidħol dubju li l-laboratorju msemmi ma jeżistix; jew fejn l-oġġett ikun ġie ttestjat ma' xi *standard* u jidħol id-dubju li min jibagħtu għat-test mhux jinforma dwar ir-riżultat kollu imma b'dik il-biċċa biss li taqbel lilu. Deskrizzjoni tista' tkun falza b'dak li ma tgħidx jew b'dak li jitħalla barra;
- oġġetti deskritti bil-post jew data ta' manifattura, produzzjoni, proċessar jew rikondizzjoni. Hawn jaqgħu lmenti ta' oġġetti antiki ta' kull xorta. Fuq karozzi u oġġetti oħra tad-dar. B'deskrizzjonijiet bħal *Made in Malta, Brand new,* eċċ;
- oġġetti deskritti bi storja oħra, inkluż propretarju ta' qabel jew użu preċedenti. F'din il-kategorija jaqgħu oġġetti b'deskrizzjoni bħal *One Owner, discontinued line*, eċċ.

2. Indikazzjonijiet dwar il-prezz ta' oġġetti jew servizzi - meta persuna tagħti xi indikazzjoni falza li l-prezz ta' l-oġġetti jew servizzi qed jiġu offruti bi prezz daqs jew inqas mill-prezz stabbilit, inqas minn dak offrut minnha qabel jew inqas minn dak il-prezz b'ammont speċifikat. Il-liġi ħasbet għall-bosta *sales* jew *bargain offers* li jsiru matul is-sena għax torbot lill-bejjiegħ li *prezz ogħla jew partikolari* għandu jitqies li l-oġġetti jew servizzi ġew offruti b'dan il-prezz għal perjodu kontinwu ta' mhux inqas minn 28 ġurnata matul is-6 xhur ta' qabel biex il-bejjiegħa ma joffrux bi prezz għoli għal ftit jiem imbagħad taparsi għamlu *sale*. L-ilmenti li jaqgħu l-aktar fdin it-taqsima jikkonċernaw oġġett mis-*sales*.

- Ħwejjeġ bi prezz imnaqqas u meta tmur id-dar u tiflihom issib li jkun fihom xi toqba jew imżarta. Meta tmur tgħid lill-bejjiegħ jgħidlek, x'tistenna mhux bis-*Sale*? Dan m'għandux dritt li jirrispondik hekk, sakemm ma kellux avviż li l-ħwejjeġ fihom jew jista' jkun fihom ħsarat, għax la ġew offruti għall-bejgħ tistenna li jkunu ta' kwalità tajba;
- Oġġetti tad-dar (*white goods*) mixtrija bi prezz imnaqqas li jkunu difettużi mingħajr ma tkun infurmat b'dan qabel tixtri. Il-bejjiegħ ma jistax jagħmel hekk;
- Oġġetti u servizzi offruti bi prezz inqas b'ammont speċifikat ta' flus jew bil-persentaġġ u jirriżulta li dan l-ammont ma jkunx veru.

Dikjarazzjonijiet foloz dwar provvista ta' servizzi, akkomodazzjoni jew faċilitajiet meta persuna tkun taf li qed tagħmel dikjarazzjoni falza jew tagħmilha bi traskuraġni, jiġifieri mingħajr ħsieb jekk hijiex vera jew falza. Hawn il-liġi tħares l-interess ta' min jagħmel użu minn servizz. Eżempji:

- Ordni ta' għamara li skond il-kuntratt kellha tkun lesta f'Settembru '91, wasal Settembru '93 u għadha mhix lesta;
- Karozzi jitnaddfu bil-fwar u ssib li jitnaddfu b'sistema ta' ilma bi pressa kbira;
- Ikollok deskrizzjoni dwar iż-żmien li tingħata s-servizz bħal *same day service* issib li jkollok tmur l-għada jew jumejn wara biex tieħu s-servizz imwiegħed.

Dan huwa messaġġ bi ħlas